KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 29

**It-Tlieta 23 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 29.1 Qari tal-Apoloġiji

29.1.1 Is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet ittri ta' apoloġija.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 28

29.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 28 li kienu meqjusa moqrija.

29.2.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 28 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 29.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku fakkar li nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju kien se jkun hemm il-preżentazzjoni tal-Imsida St Joseph Nursery u kien importanti li min se jattendi għandu javża minn qabel.

29.3.2 Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma' żewġ membri mill-komunità Filippina u dawn urew interess li tibda ssir Clean Up fuq bażi regolari.

## 29.4 Talbiet għal diversi laqgħat importanti

29.4.1 Is-Sindku informa li fis-16 ta' Ġunju l-Ministru Jonathan Attard kien irrisponda li lest li jiltaqa' mal-Kunsill.

29.4.2 Is-Sindku informa li hemm bżonn li s-sottokumitat jibda jiltaqa' biex jiddiskuti s-suġġerimenti li waslu dwar il-camera (ANPR) ta' Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsillier Mallia talab lis-Sindku sabiex jgħaddilu d-dettalji tal-kuntatt tal-LESA sabiex jiddiskuti l-loġistika tal-proġett miegħu.

29.4.3 Is-Sindku informa li hemm problema li qed tikber dwar Clean Malta minħabba li wara l-elezzjoni kellhom numru ta' ħaddiema fil-management li ttrasferew ma' Dipartimenti oħra.

29.4.4 Is-Sindku informa li kienet se tinżamm laqgħa dwar il-festa mas-Supt Haber, IM u dawk li għandhom x'jaqsmu mal-festa nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju fis-2pm.

## 29.5 *Inclusive Local Governance & Community Empowerment Seminar & Workshops*

29.5.1 Is-SE fakkret lill-Kunsilliera li nhar il-Ġimgħa u s-Sibt kienu se jiġu mtella' s-seminar u l-workshops bil-fondi tal-UE u li għalihom kienu ġew mistiedna Kunsilli, membri mir-Reġjun Lvant, membri mill-iskejjel tal-lokalità u numru ta' persuni oħra. Kienu se jattendu wkoll xi residenti. Għaldaqstant hija talbet li jkun hemm parteċipazzjoni mill-membri kollha.

29.5.2 Hija infurmat li l-Kunsill kien rebaħ ftit aktar minn €13,000 biex tittella' din l-attività u għaldaqstant kien importanti li l-Kunsilliera jattendu għaliex jekk ma jkunx hemm minimum ta' 27 parteċipant, il-Kunsill ikollu jrodd il-fondi lura.

29.5.3 Hija infurmat li kienu nxtraw numru ta' *customised gifts* biex jingħataw lill-parteċipanti kif ukoll lill-ispeakers.

## 29.6 Jum l-Imsida 2026

29.6.1 Is-SE infurmat li l-bord kien qabel mal-għażla ta' min għandu jingħata l-Mertu l-Imsida.

29.6.2 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai u l-Kunsillier JC Borg infurmaw li ma jaqblux mal-proposta tal-bord għaliex il-persuna kien tħallas ta' xogħlu. Hawnhekk il-Kunsillier Farrugia kkonferma li kien tħallas iżda li fl-istess waqt kien se jħalli patrimonju kbir warajh għal-lokalità kollha.

29.6.3 Hawnhekk il-Kunsillier C Borg issuggerixxa li sa qabel Jum l-Imsida li jmiss il-Kunsill jagħmel numru ta' kriterji biex jingħataw punti biex il-Kunsill jifhem fuq liema mertu wieħed ikun ġie ssuġġerit li jirbaħ il-mertu.  Kulħadd qabel.

29.6.4 Is-Sindku talab li jittieħed vot għad-deċiżjoni li ġieħ l-Imsida jingħata skont is-suġġeriment tal-bord. Il-Kunsilliera Chircop, JC Borg, Mallia u Baldacchino Cefai ivvutaw kontra u l-vot għadda 5 kontra 4.

29.6.5 Il-Kunsillier Agius ikkonferma li kien ħa ħsieb mil-lat tal-Quddiesa.

## 29.7 Skola Primarja tal-Imsida:

29.7.1 **Parkeġġ taħt l-Iskola Primarja:** Is-Sindku staqsa lis-SE jekk il-Prinċipal iffirmax.  Hija infurmat li kienet għadha ma rċevietx kopja tal-ftehim iffirmat. Il-Kunsillier Agius informa li qed jinġabu stimi għall-grada li tkun bl-ANPR. Se jsir ukoll sub-meter mill-kuntrattur tal-iskola biex kollox jibqa' taħt garanzija. L-ispejjeż għandhom jinġabru mill-kirjiet tal-karozzi.

29.7.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jerpa' jitlob li l-parkeġġ jinfetaħ b'mod temporanju fi żmien il-festa mill-Ħamis sal-Ħadd.  Kien hemm qbil li għandha ssir talba lill-IM għas-security.

29.7.3 **Tmexxija tal-Fergħa tal-Librerija Pubblika fl-Iskola Primarja:** Il-Viċi Sindku infurmat li saret laqgħa mal-Kap tal-iskola. Is-SE infurmat li mexjin bl-ippakkjar tal-kotba u l-ħsieb huwa li nistgħu mmexxu sal-Ġimgħa 3 jew is-Sibt 4 ta' Lulju.

29.7.4 Hawnhekk issemma' l-luzzu li ġie mogħti minn tifel ta' sajjied Misidjan biex jiġi espost bħala parti mill-proġett il-ġdid. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Baldacchino Cefai għandha tagħmel kuntatt miegħu biex naraw kif u meta jista' jibda x-xogħol ta' restawr fuqu.

## 29.8 Proġett ta' Triq Victor Denaro:

29.8.1 Il-Kunsillier Farrugia informa li kienet saret laqgħa flimkien mal-Periti, rappreżentanti tal-Iskola Primarja u tat-trasport tal-iskejjel u Project Green.

29.8.2 Is-SE infurmat li l-ħsieb huwa li x-xogħol jibda nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju. Dan se jkun maqsum f'fażijiet biex l-iskola tibqa' topera mingħajr problemi. Ix-xogħol huwa pjanat li jitlesta nhar il-11 ta' Jannar 2027 wara 26 ġimgħa.

29.8.3 Hija infurmat li kien se jintuża l-bir sekondarju tal-Iskola għall-irrigazzjoni minflok jinbena wieħed ġdid u min-naħa tal-Iskola kienu aċċettaw.

29.8.4 Is-Sindku informa li l-Kunsill tat-Tfal tal-Iskola Primarja kienu talbu li ssir *cat shelter* fil-ġnien il-ġdid. Is-SE infurmat li dan kien inkluż diġà fil-pjan oriġinali.

## 29.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

29.9.1 Is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

29.9.2 Il-Viċi Sindku staqsiet x'jista' jagħmel il-Kunsill dwar il-problema tal-ħamiem. Is-Sindku infurmaha li se jkun hemm xi miżura fuq bażi nazzjonali fejn se jitqassmu gaġeġ apposta biex jinqabdu l-ħamiem iżda li għalissa għad ma kien hemm ebda kommunikazzjoni.

29.9.3 Il-Viċi Sindku staqsiet x'sar dwar il-kwistjoni tal-ex Liaison Manager. Is-SE infurmat li fuq qbil mal-Kunsill, kienu tnaqqsulu 20% minn l-aħħar kont li bagħtilna.

29.9.4 Il-Kunsillier Agius staqsa jekk kienx hemm risposta dwar l-ATM. Is-SE infurmat li ntbagħtet l-email iżda s'issa m'hemmx risposta.

29.9.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar jekk hux se jinħaraq nar minn fuq il-bejt tal-Kunsill fil-festa, is-SE ikkonfermat li rċeviet l-email mingħand il-Perit u se tinħaraq kaxxa l-Ġimgħa u l-Ħadd.

29.9.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius fir-rigward tat-trasport tal-anzjani meta jispiċċaw id-day centre, is-SE infurmat li kienet ikkonfermat mas-sewwieq li mhux problema għalih li kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa jaħdem sat-3pm. Għaldaqstant bi qbil mal-Kunsill ġie kkonfermat li t-trasport tal-anzjani se jibda jiġi estiż fis-sajf biex iwassal lill-anzjani lura.

29.9.7 Il-Kunsillier Agius talab hux possibbli li l-Għaqda tal-Armar tieħu ħsieb l-armar tal-faċċata tal-Kunsill bi ħlas għal żmien il-festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

29.9.8 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar il-bankina ta' quddiem il-maħżen tal-armar, is-SE infurmat li kienet qed tistenna kwotazzjoni mingħand kuntrattur.

29.9.10 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar it-tindif tal-ġibjun, is-SE infurmat li kienet intbagħtet kommunikazzjoni lill-PWD u fil-fatt inbeda t-tindif ta' wieħed minnhom.

## 29.10 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

29.10.1 Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li tħoss li uħud mill-cat feeders qed joħolqu problema għaliex iwaddbu l-ikel kif ġie ġie u ma jnaddfux warajhom. Kien hemm qbil li s-SE għandha tgħaddi l-lista tal-cat feeders lill-Kunsillier Mallia biex jiltaqa' magħhom u jikkonferma kemm qed jieħdu ħsieb qtates u jiġbdilhom l-attenzjoni dwar l-importanza li jnaddfu warajhom.

29.10.2 Il-Kunsillier Agius informa li għall-festin fl-okkażjoni tal-festa għall-anzjani, minflok finger food se ssir f'forma ta' ikla u se tiswa €8.50 r-ras. Id-data hija pjanata għall-15 ta' Lulju fid-9:30am. Il-Kunsill qabel.

29.10.3 Il-Kunsillier Agius informa li fil-parkeġġ ta' Triq Clarence hemm numru ta' karozzi mkissrin, oħrajn bla liċenzja jew fuq iċ-ċnagen. Is-SE infurmat li jidhrilha li l-amministrazzjoni diġà għamlet rapport imma kienet se tivverifika.

29.10.4 Il-Kunsillier Agius informa li fi Triq is-Swatar hemm Bus Sstop jismu Ġanni u xi residenti staqsew jekk jistax isir *bus shelter* biex jistkennu fih u biex issir bus bay għaliex mhux ikunu viżibbli. Huwa informa li kellu wkoll talba biex il-karozza tal-linja bin-numru 32 tibda tgħaddi kull nofs siegħa u mhux kull siegħa. Is-SE infurmat li fir-rigward tal-*bus shelter* tkun trid tittieħed parti mis-*soft area* għaliex il-bankina hija dejqa wisq. Fir-rigward tal-fatt li jsir bus bay, issuġġeriet li forsi ssir biss bay waħda safra fil-bidu biex ma jittieħdux aktar parkeġġi minħabba li f'dak il-punt hemm problema kbira ta' parkeġġ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa ma' Faces.

29.10.5 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Farrugia kien hemm qbil li ssir talba għal laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici dwar id-djar ta' faċċata tal-għajn tal-ħasselin.

29.10.6 Il-Kunsillier Farrugia informa li hemm problema bl-għajn tal-ħasselin minħabba li reġgħet qed tinten. Huwa staqsa jekk il-Kunsill għandux jikteb Kastilja biex naraw min jista' jiżvujtjaha.

29.10.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Farrugia dwar il-kamra ta' Triq l-Għeriebel, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jerġa' jagħmel kommunikazzjoni miegħu.

29.10.8 Il-Kunsillier Chircop spjega x'se tkun tinvolvi l-attività tal-10 ta' Lulju u informa wkoll li r-Reġjun Lvant kienu infurmawh li se jibgħatu l-kantanti u l-vann sabiex jiffurmaw ukoll parti minnha.

29.10.9 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Każin tal-Banda kien għamel talba biex tintuża l-pjazza għal numru ta' attivitajiet waqt żmien il-festa, b'mod partikolari għal BBQ. Kien hemm qbil li għandhom jiġu deċiżi numru ta' kriterji li japplikaw għal kulħadd. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jkun hemm biss żona waħda għat-tisjir u li din għandha tkun koperta biex ma jaqa' xejn fuqha u jtebbagħha. Dan japplika kemm għal fejn isajru kif ukoll fejn iservu l-ikel. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kull min juża l-pjazza għal dan it-tip ta' permess għandu jkun obbligat li jnaddaf warajh u possibbilment jaħsel iż-żona u għandu jħalli garanzija ta' flus li tiġi ritornata jekk ma tkunx saret ebda ħsara. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Farrugia għandu jibda jmur jagħmel żjara fuq il-post u jieħu r-ritratti minn qabel kif ukoll wara, meta jidħlu dawn it-tip ta' applikazzjonijiet.

29.10.10 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar jekk jistax jintrama' bar nhar l-10 ta' Lulju, wara diskussjoni kien hemm qbil li iva. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li m'għandux jinbiegħ ebda forma ta' alkoħol lil min hu taħt is-16-il sena.

29.10.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kopja tal-protest ġudizzjarju minn Mark Borg u numru ta' residenti oħrajn kontra IM, lill-Ministeru għat-Trasport, il-PA u l-TM fir-rigward tal-pont pedonali.

29.10.12 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand residenta li laqtet it-tyres tal-vettura tagħha ma' arblu mqaċċat u soffriet b'€210 ħsara. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li b'kunsiderazzjoni tal-wear and tear tat-tyres kif ukoll il-fatt li semmiet li pparkjat fuq dan il-parkeġġ bil-konoxxenza li hemm dan l-arblu mqaċċat, għandha tiġi rifuża nofs l-ispiża.

29.10.13 Is-SE infurmat li kienet irċeviet lista biex isiru xi intervisti għal Operative 4 u għal Council Assistant.

29.10.14 Kien hemm qbil li kemm-il darba l-Arċipriet jitlob l-għajnuna biex jinkera Generator nhar il-festa tal-Imsida, il-Kunsill għandu jikkonferma li se jitħallas nofs il-kont.

29.10.15 Dwar il-festa, kien hemm konferma li se jingħata l-ilma lill-bandisti waqt il-marċ tal-Ġimgħa, se ssir il-bibita għall-membri tal-Każin u li l-Ħadd se jitqabbad xi ħadd jieħu ħsieb is-sound biex il-kantanta tkanta mal-mużika meta tieqaf l-istatwa ta' San Ġużepp quddiem il-Kunsill.

## 29.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-28), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mallia propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Baldacchino Cefai ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 29.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 2026 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |